MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1177/2012

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni 1352/12**

**fl-ismijiet:**

**Emanuel Zahra I.D. 555256 (M)**

**u martu Catherine I.D. 872553 (M)**

**vs.**

**Franco Spiteri I.D. 100774 (M)**

**u Georgina Spiteri Ancilleri I.D. 395780 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-26 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu Franco Spiteri u Georgina Spiteri Ancilleri sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi permezz tal-mandat t'inibizzjoni fuq riferit l-intimati odjerni, l-konjugi Zahra, qed izommu lir-rikorrenti odjerni milli jkomplu jlestu l-kostruzzjoni in meritu;

1.2 Illi dan il-mandat qed johloq pregudizzju lir-rikorrenti odjerni *stante* wkoll li hemm toqba kbira li thalliet vojta u perikolanti specjalment *stante* li r-rikorrenti odjerni ghandhom tfal ta' eta` tenera;

1.3 Illi l-konkluzjoni tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni in dizamina mhux ha joholqu inkonvenjent lill-intimati odjerni;

1.4 Illi ghalhekk ir-rikorrenti odjerni aderew din il-qorti biex din:

1.4.1. Tirrevoka l-mandat t'inibizzjoni *de quo* limitatament biex ikunu jistghu jaghlqu it-toqba perikoluza li hemm;

1.4.2. Jaghmlu tarag li jaghti mill-garaxx;

1.4.3. Jaghlqu l-ghola struttura bil-kontrabejt;

2. Rat il-verbal datat l-10 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu gie sottolineat li l-intimati odjerni jinsabu fi stat ta' kontumacja, (ara foll 7);

3. Rat id-digriet taghha datat it-30 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu hatret lill-perit arkitett hemm indikat bhala espert tekniku, (ara foll 52);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati odjerni datata z-19 ta' Mejju, 2014, minnhom liberament ipprezentata, (ara foll 68);

5. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti, fuq talba appozita taghhom, biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara foll 73);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti odjerni datata t-12 ta' Settembru, 2014, (ara foll 76);

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, in vista ta' l-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tat l-opportunita` lill-intimati odjerni jintavolaw is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward;

Ikkunsidrat:

9. Illi din il-procedura hi intimament konnessa mal-kawza fl-ismijiet Zahra et vs. Spiteri et Rikors Numru 1063/2012, u kienu mixjin flimkien;

10. Illi l-kawza indikata fil-paragrafu precedenti giet deciza fit-12 ta' Frar, 2015;

Ikkunsidrat:

11. Illi a skans ta' dilungar inutili u ta' ripetizzjoni infruttifera, din il-qorti taghmel ampja referenza ghall-istess sentenza fuq riferita *stante* li l-meritu taz-zewg proceduri *de quo* huma identici, u fil-procedura odjerna qieghed jigi biss ezaminat jekk il-mandat t'inibizzjoni precedentement mahrug ghandux jibqa` *in vigore*;

12. Illi tenut kont illi l-meritu veru u proprju kif inoltrat mill-intimati odjerni fil-kawza fuq gia` riferita, (ara paragrafu numru disgha, (9), aktar qabel), gie deciz fl-imsemmija kawza, jirrizulta li m'ghadx ghalhekk hemm il-premessi li fuqhom jista` jistrieh il-mandat t'inibizzjoni hawn in dizamina;

**DECIDE:**

13.0. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-qorti tqis li r-rikorrenti odjerni ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

13.1. Tirrevoka l-mandat t'inibizzjoni in dizamina Rikors Numru 1352/2012 fuq indikat;

13.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati odjerni konjugi Zahra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------